MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 284/2013

**Joseph Micallef u Mark Micallef**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Marzu 2013 l-atturi ppremettew:

1. Kienu ghamlu offerta lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, in segwitu ghal sejha li kienet ghamlet l-istess Korporazzjoni tramite d-Dipartiment tal-Kuntratti, liema sejha ggib in-numru ta' riferenza CT4030/2010.
2. L-offerta giet michuda peress li ma kenitx konformi ma dak li kien mitlub, u cjoe' ghar-raguni li l-offerta ma kenitx tinkludi garanzija bankarja ghal elfejn ewro (€2,000).
3. Waqt li l-atturi kienu qeghdin jippreparaw ruhhom sabiex b'mod diligenti jaghmlu offerta, applikaw mal-Bank konvenut sabiex jinghataw garanzija bankarja necessarja sabiex tigi mehmuza mal-offerta.
4. Wara li saret l-applikazzjoni u l-bank ghamel il-garanzija li l-atturi applikaw ghaliha, il-Bank konvenut naqas milli jaghti l-ghajnuna bankarja dovuta, u senjatament naqas milli jikkomunika l-informazzjoni necessarja lill-atturi sabiex tinghata lilhom il-garanzija bankarja.
5. Ghalhekk l-atturi ma setghux jottemperaw ruhhom mal-istruzzjonijiet li nghataw meta saret l-offerta lill-Korporazzjoni.

Ghalhekk l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-Bank konvenut unikament reponsabbli ghad-danni kollha li sofrew meta l-offerta taghhom giet michuda minhabba n-nuqqas tal-Bank konvenut li jipprovdi l-assistenza.
2. Tillikwida d-danni.
3. Tikkundanna lill-Bank konvenut sabiex ihallas id-danni kollha likwidati.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-2 ta' Mejju 2013 (fol. 16), il-bank konvenut qal:

1. Mark Micallef m'ghandux *locus standi* u ghalhekk il-bank ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. L-agir tal-bank kien korrett u efficjenti u kienet in-negligenza tal-attur Joseph Micallef li mar jipprezenta tender minghajr *tender bond*, meta hu stess kien jaf li din it-tender bond hi mehtiega. Din negligenza grossolana. Jekk kien interessat li jiehu t-tender, u deherlu li l-bank qed idum jaqdieh (li ma kienx il-kaz), kull ma kellu jaghmel kien li jikkomunika mal-bank, u mhux jistenna l-proverbjali bajtra taqa' f'halqu, imbaghad jahbi n-negligenza tieghu.
3. L-attur irid jaghmel il-prova li kieku ma kienx ghal dan l-intopp, huwa zgur kien ser jiehu l-kuntrat u juri xi qliegh kien ser jaghmel.

Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni tad-difensuri u rat l-atti.

Il-kawza titratta talba tal-atturi sabiex il-bank konvenut jigi kkundannat ihallas danni li sofrew ghaliex wara li applikaw sabiex tinhargilhom garanzija bankarja:

*"…. Il-Bank konvenut naqas milli jaghti l-assistenza bankarja minnu dovuta, u senjatament naqas milli jikkomunika l-informazzjoni necessarja lir-rikorrenti sabiex tinghata lilhom l-imsemmija garanzija bankarja"* (fol. 2).

L-attur Joseph Micallef xehed li d-danni li qeghdin jitolbu hu ghal telf ta' qliegh li ghamlu mill-perjodu bejn il-15 ta' April 2011 u t-28 ta' Awissu 2012 skond il-prospett Dok. JM1 a fol. 31.

**<u>Fatti</u>**.

Il-fatti huma s-segwenti:-

1. Mark Micallef ried jipprezenta tender ghall-kuntratt *"for the execution of Minor Pipe and Road Works"*. Wahda mill-kondizzjonijiet kienet li tinghata garanzija bankarja favur il-Water Services Corporation – *"An original bid-bond for the amount of €2,000, in the form provided in Volume 1, Section 3"* (fol. 32).
2. Id-data tal-eghluq tat-tender kienet 18 ta' Novembru 2010 (fol. 34).
3. L-attur Joseph Micallef mar l-HSBC u applika f'ismu sabiex il-bank jaghtih garanzija bankarja favur il-Water Services Corporation (Dok. B fol. 7). L-applikazzjoni saret gewwa l-fergha ta' Hal Luqa, fit-28 ta' Ottubru 2010. Cettina Zammit kienet l-ufficjal tal-HSBC li qdietu.
4. Il-bank hareg il-garanzija bid-data tad-29 ta' Ottubru 2010 (Dok. C fol. 8) favur Water Services Corporation, li kienet tiskadi fil-15 ta' April 2011.
5. L-attur ma marx jigbor il-garanzija bankarja. Jidher li eventwalment sar kuntatt mieghu u mar ghaliha. Jidher ukoll li dan kien wara t-18 ta' Novembru 2010, data tal-gheluq tas-sejha ghall-offerti.
6. Permezz ta' ittra datata 15 ta' Dicembru 2010 (fol. 44), l-attur Mark Micallef gharraf lid-Dipartiment tal-Kuntratti li ried jappella mid-decizjoni li jigi skwalifikat. Qalilhom li minhabba *'zvista'* l-garanzija bankarja ma kenitx inkluza mat-tender. Fl-istess ittra jinghad li mat-tender kien pogga l-applikazzjoni li saret mal-bank konvenut ghall-hrug tal-garanzija bankarja, cjoe' d-dokument a fol. 7. Irrizulta li ma' din l-ittra ntbaghatet il-garanzija bankarja (ara xhieda ta' Stephen Galea St. John, ufficjal tal-Korporazzjoni, fol. 67).
7. Cettina Zammit ghamlet ittra, datata 18 ta' Dicembru 2010, lill-Water Services Corporation (fol. 46) fejn gharrfitha li fit-28 ta' Ottubru 2010 John Micallef mar l-ufficcju tal-bank u talab li tinhareg garanzija bankarja favur il-

Korporazzjoni; *"Guarantee was issued on the 29th October but customer was not contacted to come at the Branch to collect relative documents due to a misunderstanding"*.

8. Permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2011 id-Dipartiment tal-Kuntratti gharraf lil Mark Micallef li t-tender tieghu ma gietx ikkunsidrata ghaliex ma nghatatx il-garanzija bankarja (fol. 6).
9. Permezz ta' ittra datata 9 ta' Frar 2012 (fol. 21) Water Services Corporation irritornaw il-garanzija lill-bank.
10. Permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Marzu 2012 (fol. 23), Joseph Micallef ilmenta mal-bank konvenut: *"Unfortunately it so happened that my client was not contacted by you to collect the relative documents, apparently due to a misunderstanding. This has led to rejection of the tender submitted by my client, as it was deemed [to] be administratively not compliant"*.
11. Permezz ta' ittra legali datata 26 ta' Marzu 2012 (fol. 24), il-bank wiegeb: *"From our investigations it results that your client applied for the issue of a bank guarantee and instructed the bank that he was to pick it up from our Luqa branch. The guarantee was ready within two days but for some reason your client failed to collect it"*.

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**.

L-applikazzjoni ghall-hrug tal-garanzija bankarja saret mill-attur Joseph Micallef. L-attur Mark Micallef ma jissemma mkien. Dan ifisser li l-bank ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma' Mark Micallef.

Min-naha l-ohra t-tender saret f'isem Mark Micallef. Ma tezisti l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn Mark Micallef u HSBC Bank Malta plc.

Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili:

*"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*.

Madankollu, il-bank konvenut ma kellu l-ebda dmir fil-konfront ta' Mark Micallef. M'hemmx prova li Joseph Micallef gharraf lill-bank li t-talba ghall-ghoti ta' garanzija bankarja kienet qeghda ssir minnu ghan-nom ta' Mark Micallef. Tant hu hekk li l-applikazzjoni lill-HSBC saret f'ismu. Ghalhekk ma seta' qatt kien prevedibbli ghall-bank li jista' jkun hemm terzi li jaghmlu uzu mill-garanzija bankarja li kellha tinhareg f'isem Joseph Micallef. Wara kollox il-garanzija li ntalab u li effettivament hareg il-bank hi fl-interess ta' Joseph Micallef. Fil-fatt fil-garanzija jinghad:

*"….. and whereas Mr Joseph Micallef of 30, Coral Sunset, Triq Sant Elija, Xghajra, Zabbar (herinafter referred to as the tenderer) is submitting such an application in accordance with such invitation, we, HSBC Bank Malta plc hereby guarantee to pay on your first demand in writing a maximum sum of €2,000 (Euro two thousand only) in case the tenderer withdraws his tender before the expiry of the period of the guarantee or in the case the tenderer fails to provide the Performance Bond, if called upon to do so in accordance with the Conditions of Contract"*.

Ghaldqstant, Mark Micallef ma jista' jivvanta l-ebda pretensjoni kontra l-bank konvenut.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ser tintlaqa'.

**Dwar l-allegat reponsabbilta' tal-HSBC Bank Malta plc**.

F'nota guramentata li pprezenta fit-3 ta' Mejju 2013 (fol. 33), l-attur iddikjara li l-ufficjal tal-bank naqset milli: *"… tinfurmah illi kien ghad irid jigi ppreparat u moghti lill-esponent d-dokument li jikkostitwixxi l-garanzija bankarja. Ir-rapprezentant tal-bank ma tat lill-esponent l-ebda informazzjoni dwar il-procedura tal-bank konvenut sabiex wiehed jottjeni garanzija bankarja; l-ebda informazzjoni dwar liema hu d-dokument specifiku li jikkostitwixxi l-garanzija bankarja, u cioe' dak id-dokument li kien ikun sufficjenti ghall-fini tal-offerta tal-atturi meritu ta' din il-kawza; u l-ebda informazzjoni dwar dak li kien mistenni mill-esponenti sabiex jottjeni l-istess garanzija bankarja.*

*U li inoltre, r-rapprezentant tal-bank konvenut naqset ukoll, wara li giet maghmula l-garanzija bankarja meritu ta' din il-kawza, milli tikkomunika fi zmien ragonevoli mal-atturi 'l fatt li kienet pprocessata l-applikazzjoni taghhom u li konsegwentement kienet mahruga l-garanzija bankarja, u li kien mistenni mill-atturi li jghaddu jigbru l-istess garanzija mill-edificcju tal-bank konvenut ghall-uzu taghhom"*.

Fl-affidavit Joseph Micallef qal li l-ufficjal tal-bank, Cettina Zammit, ma taghtu l-ebda taghrif. Spjega kif ta xi dokumenti lil Zammit, u wara li rathom bdiet timla formola minghajr ma tatu l-ebda spjegazzjoni dwarha. Imbaghad qaltlu sabiex jiffirma l-formola esebita a fol. 7. Zied ighid li qaltlu li ser tmur taghmel kopja tad-dokument li kien uriha, u wara li giet lura tatu d-dokumenti u telaq. L-attur qal li **d-dokument li nghata kienet l-garanzija bankarja** u li *"…. Qatt ma qaltli li kien ghad jonqos xi haga ohra jew li kelli nghaddi nigbor il-garanzija nnifisha"* (fol. 41). Kompla jghid: *"Il-formola li jiena ottjenejt mill-bank fit-28 ta' Ottubru 2010, jiena nkludejtha mad-dokumenti tal-offerta taghna u bghatt l-offerta lill-Korporazzjoni*

*ghas-Servizzi tal-Ilma meta kien ghad baqa' madwar tlett ijiem biex tinghalaq l-offerta, u kont minn ghalija li kollox sew"*. Meta xehed, 7 ta' Ottubru 2013 (fol. 51) tista' tghid li ta l-istess verzjoni.

Min-naha taghha, Cettina Zammit xehedet li fl-applikazzjoni nizzlet dak li kien qalilha Joseph Micallef. Qalet ukoll: *"Fil-formola jigi mnizzel l-istruzzjonijiet tal-klijent dwar minn fejn ikun jixtieq jigbor il-garanzija. Jekk iridha l-ghada jkun irid jigborha mid-dipartiment jissejjah Trade Services fil-Head Office ta' Hal-Qormi imma jekk iridha anki jumejn wara jkun jista' jigborha minn xi fergha tal-Bank. F'dan il-kaz il-klijent ghazel li jigborha mill-fergha ta' Hal Luqa. Jiena ma niftakarx dak li ntqal ezatt izda jien dejjem ninforma lill-klijenti li garanzija tkun lesta fi zmien jumejn u li jistghu jigu jigbruha wara jumejn."* (affidavit a fol. 18). Verzjoni li regghet tat in kontro-ezami (fol. 59).

Il-qorti tosserva:-

(a) L-applikazzjoni (Dok. B a fol. 7) hi ta' Joseph Micallef u ffirmaha. Micallef xehed li ma jafx jaqra bl-Ingliz. Hu evidenti li Cettina Zammit ghenitu u mlietlu l-applikazzjoni. F'dan ir-rigward kienet qeghda tagixxi bhala mandatarja tieghu. Jekk ghamlet xi zball fil-mili ta' dik il-formola l-attur irid jindirizza l-ilment lilha u mhux il-bank konvenut.

(b) Wiehed jista' jargumenta li kieku Cettina Zammit qalet lil Joseph Micallef li kellu jerga' jmur il-bank sabiex jigbor il-garanzija bankarja, dan kien ser imur gialadarba kellu bzonnha biex jitfa' t-tender. Min-naha l-ohra fl-applikazzjoni jinghad li l-applikant ser imur jigbor il-garanzija mill-fergha ta' Hal Luqa. Il-qorti hi moralment konvinta li dan hu taghrif li tnizzel fuq informazzjoni li ta l-konvenut lil Cettina Zammit. Fl-applikazzjoni hemm parti li tghid: *"Guarantee to be collected from ….. Trade Services……………. HSBC Branch…. (please specify)*. Fuq bazi ta' probabilita' informazzjoni bhal din ma kenitx ser titnizzel minghajr il-klijent jintalab ighid x'irid jaghmel. Dan it-taghrif jinghata mill-klijent fl-interess u ghal kumdita' tieghu. Irrizulta li l-indirizz tar-residenza tal-attur hu Haz-Zabbar. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' kien hu stess li qal lil Cettina Zammit li l-garanzija jigborha mill-fergha ta' Hal Luqa.

(c) Fl-affidavit l-attur xehed: *"Hi mbaghad bdiet timla formola. Ma spjegatli xejn dwar il-formola li kienet qeghda timla, u ghalhekk jien issoponejt li din, la kienet rapprezentanta tal-bank kienet qeghda ssegwi l-procedura ordinarja"* (fol. 40). M'hemmx prova li Cettina Zammit qalet lill-attur li l-formola li ffirma kienet il-garanzija bankarja. Lanqas m'hemm xi provi li twassal lill-qorti sabiex tikkonkludi li taghtu x'jifhem li l-applikazzjoni kienet fil-fatt il-garanzija. Ghalhekk din hi konkluzjoni li l-attur wasal ghaliha wahdu. Jekk kif qal l-attur

ma jaqrax bl-Ingliz, kien fl-interess tieghu li jistaqsi u jkun cert li d-dokument li nghata kien il-garanzija li kellha tigi mehmuza mat-tender. L-ghaqal kien jitlob ukoll li l-attur jistaqsi x'qieghed jiffirma. L-attur ghamel hazin jekk kif qal hu: *"Nikkonferma li jiena lis-sinjura Zammit* ***ma qadtx nistaqsiha biex tispjegali id-dokument x'ighid****"* (fol. 52). Jekk ma staqsix x'iffirma, kif wasal ghal konkluzjoni li d-dokument kien il-garanzija bankarja li kellu jigi mehmuz mal-offerta ? Konkluzjoni li jekk verament ghamel kienet wahda gratuwita. Hekk ukoll l-attur kellu d-dmir li jivverifika li d-dokument li jehmez mat-tender kienu dawk mitluba. Jekk ma jafx jaqra kellu jfittex l-ghajnuna ta' haddiehor. Ghalhekk ma jistax iwahhal f'haddiehor ghan-nuqqas tieghu. Min-naha l-ohra l-qorti ma tistax tasal biex temmen li Cettina Zammit ma qalet xejn lill-attur dwar l-applikazzjoni li ffirma. Din ma kenitx l-ewwel darba li Cettina Zammit imliet applikazzjoni ghall-hrug ta' garanzija bankarja. Fid-dokument a fol. 7 jinghad li hu *"guarantee application form"* u li ghad trid tinhareg il-garanzija bankarja. Fuq bazi ta' probabilita' l-qorti ma temminx li Cettina Zammit imliet il-formola u ghamlet kopja tad-dokumenti tal-attur, minghajr ma qalet xejn lill-attur. Il-qorti tqies il-verzjoni tal-attur bhala *far-fetched*. Issa jekk l-attur ma kienx attent ghal dak li qaltlu Cettina Zammit, hi haga ohra.

(d) Il-bank ma kellu l-ebda obbligu li jaghmel kuntatt mal-applikant u jghidlu li seta' jmur jigbor il-garanzija. Filwaqt li mill-aspett ta' kortezija dan ikun servizz tajjeb, ma jirrizultax li jezisti xi obbligu f'dan is-sens. Hu veru li fl-ittra datata 18 ta' Dicembru 2010 Cettina Zammit nfurmat lill-Korporazzjoni li ma kienx sar kuntatt mal-klijent biex imur jigbor il-garanzija, pero' l-qorti m'ghandix dubju li b'dik l-ittra Zammit kienet qeghda sempliciment tipprova tghin lil Joseph Micallef sabiex jipprova jaghti raguni ghalfejn il-garanzija ma kenitx mehmuza mat-tender. F'dan ix-xenarju l-qorti ma tistax tqies l-ittra bhala ammissjoni tal-bank li ghamel xi haga hazina. Hu fl-interess tal-klijent li jivverifika jekk il-garanzija tlestitx u fl-affermattiv imur jigborha. F'kull kaz, 'il fatt li l-bank ma ghamilx kuntatt ma' Micallef sabiex ighidlu li l-garanzija hi lesta, m'huwiex rilevanti gialadarba l-attur ighid li fehem li d-dokument ezebit a fol. 7, cjoe' l-applikazzjoni ghall-hrug tal-garanzija, kienet il-garanzija bankarja li kellha tigi mehmuza mat-tender.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-bank u tiddikjara li Mark Micallef m'ghandu l-ebda jedd iharrek lill-HSBC Bank Malta plc fuq il-kaz in kwistjoni.**
2. **Tichad l-ewwel talba u ghaldaqstant ma tiehux iktar konjizzjoni tat-talbiet l-ohra li huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba.**

**Spejjez a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------